# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlieta u disgħin (93) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu 2012, fis-6:10pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Qabel ma kienu kkunsidrati l-minuti, is-sindku talab li tiġi sospiża l-aġenda sabiex l-*item* li tirrigwardja x-xogħol ta' kostruzzjoni ta' ċentru ta' viżitaturi fuq il-Mentna, tieħu preċedenza fid-dawl li għal din il-laqgħa kellna wkoll il-perit tal-KLM, *Arch* Anthony Bezzina u l-assistent tiegħu s-Sur Clayton Damato. Din kienet approvata unanimament biex jitħalla jitkellem il-perit. Is-segretarju eżekuttiv qara l-mozzjoni li kienet ippreżentata minn Nicholas Briffa u li ġiet issekondata minn Grace Marie Mallia dwar l-istess suġġett. Fil-frattemp Nicholas Briffa ta kopja ta' spjegazzjoni għal din il-mozzjoni bil-miktub lill-kunsillieri preżenti u lill-Perit Anthony Bezzina, fejn inġibdet l-attenzjoni tal-KLM li meta titressaq mozzjoni għal-laqgħa tal-KLM u tidħol fl-aġenda, din għandha tiġi ċirkulata lill-membri tal-kunsill biss u mhux lil terzi. Wara li tiġi diskussa u l-movent ikollu ċ-ċans jispjega l-mottiv u l-iskop tal-mozzjoni li jkun ressaq u tittieħed deċiżjoni fuqha u jiġu approvati l-minuti ta' dik il-laqgħa, imbgħad għandha ssir pubblika. Hawn is-sindku ġibed l-attenzjoni ta' dawk kollha preżenti li kellu jinforma lill-perit sabiex ikun preżenti għal laqgħa għax il-mozzjoni kienet qed titlob risposti tekniċi u li ħadd minn dawk preżenti m'għandu l-kwalitajiet li jweġibhom. Hu kompla jgħid illi ma setax jippermetti li mozzjoni li setgħet taffettwa proġett kbir bħalma qiegħed isir, jispiċċa jitwaqqaf sa ma tinstema' l-mozzjoni, tiġi diskussa u wara nerġgħu nagħjtu laqgħa oħra sabiex niddiskutuha mal-perit, meta illum nistgħu niddiskutuha kompletament u nagħlqu l-punti mressqa fiha. L-intenzjoni tas-sindku illi informa lill-perit kienet in *buona fede* favur ir-risposti li kienet tinħtieġ l-istess mozzjoni.

3. Nicholas Briffa qal li permezz ta' din il-mozzjoni, ma kien qiegħed bl-ebda mod jiċċalinġja lill-perit. Anzi hu qal li din mhix xi mozzjoni ta' sfiduċja fil-perit. Hu staqsa jekk għandux dritt jitlob '*itemized bill*' tal-proġett tal-Mentna fid-dawl tal-figuri diversi li ssemmew f'din il-mozzjoni. Hawn intqal illi dawn il-flus ma jinkludux ukoll l-ispejjeż tal-bini tas-sit elettroniku speċifikament għal din il-*Heritage Trail* kif ukoll l-ipprintjar tal-fuljett informattiv biex nattiraw it-turiżmu lejn il-lokalità tagħna permezz ta' din l-inizjattiva mil-programm *EARDF* Miżura 313. Hu qal li kien instigat iressaq din il-mozzjoni għall-kumment tad-deputat sindku fl-aħħar seduta tal-KLM illi jekk dawn il-flus kollha msemmija tiddividihom fuq il-metraġġ (kwardu) tas-sit tal-Mentna, jirriżultaw figuri kbar għal kull metru kwardru. Nicholas Briffa qal li l-mozzjoni tiegħu kienet interpretata ħażin kemm mill-perit li rribatta għaliha bil-kitba fl-*e-mail* kif ukoll mill-kunsillieri. Hawn intqal illi l-varjazzjonijiet fil-figuri ġejjin għall-fatt li wieħed irid jikkunsidra l-element tal-*VAT* li wkoll se jassorbiha l-gvern ċentrali.

4. Charles Farrugia qal li hu llum għall-ewwel darba ra l-*elevation plan* (minkejja li s-sindku qal li dawn kienu ntbagħtu f'*e-mails* preċedenti). Infatti hu l-aktar li qed jinkwieta hu għall-aspett estetiku għaliex qal li l-ħajt (*boundary*) għandu jkun aktar baxx. Hu qal illi dan qed jistaqsi għalih għal fatt li qed jitlob illi fil-verità jsir inqas xogħol u mhux se jgħolli l-ispejjeż. Il-perit qal illi dan il-proġett fl-aħħar mill-aħħar se jiġu jarawh l-uffiċjali tal-*MEPA* u l-Aġenzija tal-

Pagamenti (Ministeru tal-Iżvilupp Rurali). Hawn is-sindku qal li l-proposti kienu għall-attenzjoni ta' kulħadd lura lejn is-sena 2009 meta ressaqna l-proġett għall-approvazzjoni tal-kunsill biex stajna applikajna kif kienet titlob l-istess applikazzjoni. Is-sindku kompla billi qal li issa jaħseb li hu *"too late"*.

5. Lura għall-mozzjoni, d-deputat sindku qal li hu qed jitlob emenda fuq il-mozzjoni sabiex il-kelma *"nivverifikaw"* tissostitwixxi dik *"ninvestigaw"*, għaliex min se jaqraha se jaħseb illi hemm xi nuqqasijiet, meta fil-fatt dan ma jeżistix. Anzi d-deputat sindku talab illi l-istess mozzjoni tkun irtirata kollha minn Nicholas Briffa ġaladarba l-kunsillieri issodisfaw ruħhom mill-ispjega tal-perit. Hawn Niholas Briffa qal li issa laħaq għamilha u kemm hu, kif ukoll Grace Marie Mallia, is-sekondant, qalu illi huma qatt ma ppretendew li mozzjoni li kienet għadha mhix diskussa fil-kunsill u għalhekk mhux dokument uffiċjali, se ssib ruħha f'idejn il-Perit Bezzina. Hawn is-sindku reġa' rribatta billi qal illi hu għaddihielu għaliex personalment qatt ma seta' jwieġeb għad-domandi li kien hemm fiha speċjalment fuq aspetti tekniċi.

6. Il-Perit Bezzina għamel spjega dettaljata dwar x'kien jikkonsisti l-proġett billi espona l-pjanta u indika kull fejn se jkun hemm karatteristiċi partikulari tal-e*mbellishment*, bħal funtana, bankijiet, dwal tat-toroq eċċ. Nicholas Briffa u l-kumplament tal-kunsillieri kienu sodisfatti bl-ispjega tal-perit, minkejja li Charles Farrugia qal li kien ikun aktar kuntent illi dan sar fil-Pjazza tal-Knisja milli hemm fuq, xi ħaġa illi l-perit wieġbu dwarha illi kieku applikajna għall-fondi tal-Ewropa fuq il-Pjazza tal-Knisja, żgur li konna se nibqgħu b'xejn. Wara l-ispjega tal-perit, Nicholas Briffa ikkonċeda li jirtira parti mill-mozzjoni għajr il-parti fejn talab r-rendikont *itemized* tal-proġett. Nicholas Briffa għaldaqstant talab ukoll li tkun irtirata l-ittra (ir-risposta li ta il-perit), xi ħaġa li l-perit aċċetta li jirtira. Din il-mozzjoni għalkemm ġiet diskussa, Nicholas Briffa ma talabx vot fuqha għax sar qbil li l-informazzjoni għandha tingħata kif mitlub fil-mozzjoni. Is-sindku tenna li ħadd minna m'għandu għalfejn jitlob *itemised bill* speċjalment b'mozzjoni għax dan għandu jsir naturali u frekwenti mill-perit tagħna hekk li naġġornaw ruħna mal-proġett u kif qed jintefqu l-flus allokati lilna mill-gvern u l-Unjoni Ewropea. Is-sindku għalaq billi fakkar lill-perit illi l-kunsill m'għandux fondi aktar sabiex jagħmel tajjeb jekk l-ispiza taqbeż dik mogħtija lilna mill-Aġenzija tal-Pagamenti. Is-segretarju eżekuttiv se jipprovdi lill-kunsillieri kollox minbarra *'itemised bill'* (kif kien mitlub jagħmel) għaliex hu qal li dan ifisser kont, meta l-proġett għadu mhux lest u l-kont għadu ma ħariġx. Għaldaqstant, kull ma jeżistu huma l-istimi skond ir-rati tal-kuntrattur li tefa' l-offerta, jiġifieri *Schembri Barbros*, li kienu fuq il-mejda, il-ħin kollu li kien diskuss dan is-suġġett. Se jkun ipprovdut ukoll il-kuntratt tal-Aġenzija tal-Pagamenti. Charlie Farrugia talab li jittieħdu ritratti waqt l-andament tax-xogħol – xi ħaġa li fil-fatt qed jagħmel is-sindku, mentri s-segretarju eżekuttiv qal illi ritratti, speċjalment ta' xogħol li se jkun mirdum, huma għodda importanti biex nikkonsolidaw il-kontijiet tagħna fil-futur.

7. Dan is-suġġett dam jiġi diskuss sat-7:50pm.

8. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija. Dawn sarulhom xi korrezzjonijiet kif muri bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

Fil-punti mill-minuti ssemmew:

9. Triq tas-Sejba. Hawn Nicholas Briffa qal li tajjeb li niċċekkjaw jekk sarx xi skavar in-naħa tal-barrieri, għal *garage*, 'l isfel, taħt il-blat. Madankollu is-sindku qal illi se nitolbu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex naraw permezz tas-*cctv camera* jekk hemmx id-drenaġġ mifqugħ. Dan għaliex it-triq nieżla f'partijiet massivi 'l isfel b'rata allarmanti kumparat mal-ftit li kien hemm sa ftit tas-snin ilu. Nicholas Briffa waħħal fir-*reinstatement* ħażin ta' trinka tal-Korporazzjoni Enemlta li kienet saret madwar ħames snin ilu. Noel Galea qal li se nieħdu passi billi naraw jistax ikun li hemm xi ilma nieżel fit-terrapien.

10. Is-sindku qal li huwa attenda *presentation* dwar *safety equipment* tal-*playgrounds* ta' kumpanija privata li għadha kemm fetħet hawn Malta. Hu qal li dawn għandhom nies li jistgħu jagħmlu *audit* tal-*play area* taħt il-kappa ta' organizzazzjoni Brittanika bl-isem *ROSPA*. Hu qal li din il-preżentazzjoni saret fil-preżenza tal-Onor Ministru Carm Mifsud Bonniċi li minn naħa tiegħu qal li fi ftit ġimgħat oħra se joħroġ l-aġġudikar ta' skema lokali li taħseb biex ittejjeb il-qagħda tal-*playgrounds* Maltin. Hu qal li dan se jsir minkejja li kien hemm kunsilli lokali li talbu figuri esaġerati u li ftit diffiċli li jiġu kkuntattjati kollha.

11. Dwar Sqaq Numru 1 fi Triq il-Parroċċa, intqal illi l-Perit Bezzina kiteb lill-KLM propju llum permezz ta' *e-mail* fejn dan ordna illi jinqala' mill-ġdid u jiġi mogħti wiċċ ġdid mill-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd*. Sadanittant, Noel Galea qal li dan se jseħħ ukoll (qallu informalment) fi Triq il-Fjuri fejn ukoll sar xogħol difettuż. Intant is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsillieri li l-flus tal-*UIF*, propju fuq dan is-sit kienu laħqu daħlu fil-kont bankarju tagħna propju ftit tal-jiem ilu.

12. Noel Galea qal li se jagħmel aċċenn għax-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq is-Saljatura għax jidher li kien hemm xi *misunderstanding*, mal-perit. Dwar dawn ix-xogħolijiet is-sindku qal li kien iltaqa' mal-perit u kien iddiskuta l-ewwel possibilità li l-ilma tax-xita jmur fi Triq Ħal Kirkop, mentri issa l-qalba se tieħu l-ilma tax-xita fi Triq iż-Żurrieq propju lejn ir-raħal estint ta' Ħal Millieri. Intant is-sindku qal li fi Triq is-Saljatura, ix-xogħol miexi u l-kuntrattur qabad jagħmel l-istrippa man-naħa tal-għelieqi. Fil-proċess kellhom jinqalgħu siġar tal-*ficus* li kienu ħawlu ir-residenti mhux b'mod uffiċjali, li saħansitra biex dawn jinqalgħu kellu jinqala' ħajt ta' għalqa.

13. Is-sindku qal li diġà tajna l-*purchase order* għas-servizz li hija mistennija li tagħtina l-Banda tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju f'Jum l-Imqabba 2012 f'Ottubru li ġej. Intant dwar l-attività kulturali li se tkun organizzata mill-KLM fl-ewwel Sibt ta' Ottubru, magħrufa bħala 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien', għandu jinġieb ritratt minn Nicholas Briffa sabiex issir *backdrop* kif kien diskuss f'laqgħat preċedenti ta' dan il-KLM. Dan ix-xogħol se jieħu ħsiebu d-deputat sindku.

14. Is-sindku irrefera għal-laqgħa li kellu hu w is-segretarju eżekuttiv mal-kumpanija *Greenpak* qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt tal-*bring-in-sites*. Hu qal li dawn ġabulna l-aħħar statistika tas-separazzjoni tal-iskart fl-Imqabba. Noel Galea qal li dawn se jagħtuna l-boroż b'xejn biex inqassmuhom lill-familji aħna stess. Proposta oħra li kienet diskussa hija li tinqata' l-kollezzjoni tal-boroż is-suwed ta' nhar ta' Tlieta (skart organiku) biex bħalma fil-fatt ġara f'lokalitajiet oħra, jiżdied l-iskart li jkun separat fil-boroz griżi jew ħodor. Dan se jkun diskuss mill-KLM aktar 'il quddiem, filwaqt li se nitolbu spjega lil *WasteServ Malta* għaliex minkejja li l-popolazjoni ma żdiditx u s-separar tal-iskart qed jiżdied, qed jibqgħu joħorġu kontijiet għar-rimi tal-iskart daqstant għoljin.

15. Is-sindku semma d-diffikultà li kienu affaċjati biha s-sidien tad-djar li hemm f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, fid-dawra ta' Ġnien Missjoni ż-Żgħira. Noel Galea semma kif il-*MEPA* aċċennat għal-linji tad-djar rappreżentati minn feles skond kif jidher fis-*site plan* (mhux wisq ċar). Jirriżulta illi dawn is-sidien, dak iż-żmien bdew aktar 'il barra mil-linja. Intant il-KLM qabel li nwieġbu lill-*MEPA* illi la l-*MEPA* ma ssibx oġġezzjoni, il-KLM lanqas ma jsib oġġezzjoni.

16. Il-KLM ikkunsidra l-ħsarat li jammontaw għal €600 li għandha l-makna tal-fotokopji, kif ukoll it-tmien snin (8) li għandha, kif kien elenkat f'bosta *e-mails* li ntbagħtu. Hawn ittieħdet id-deċiżjoni li nixtru waħda ġdida. Għaldaqstant, is-segretarju eżekuttiv se joħroġ id-dokumentazzjoni sabiex din tkun bħala *tender* u biha jkunu jafu l-fornituri tal-*electronic equipment*, minkejja li diġà ħadna żewġ stimi mingħand kumpaniji lokali.

17. Dwar il-proposta mħabbra fil-*media* qabel ma ġiet diskussa fil-KLM, biex il-KLM jibda joffri s-servizzi soċjali, is-sindku qal li huma se jgħidulna x'se jagħtuna minkejja li lkoll naqblu fil-prinċipju tad-devoluzzjoni ta' dawn is-servizzi. Dan sabiex inkunu eqreb lejn iċ-ċittadin.

18. Noel Galea talab lill-kunsillieri sabiex jaraw bir-reqqa r-rapport tas-Sovratendenza fil-konfront tat-tħaffir li qed isir viċin il-katakombi biex jieħdu ideja kemm huma sensittivi l-affarijiet minħabba l-importanza tal-wirt kulturali. Hawn is-sindku qal li l-uffiċjali tas-Sovratendenza kienu għajnejhom fuqna meta madwar il-bir fl-istess pjazza instabu *slabs* li rriżulta li kien is-saqaf tal-bir, kumplimentati b'numru ta' gandotti u toqob għas-siġar forma ta' ċrieki verament sbieħ.

19. F'punti oħra issemma programm bl-isem *"Il-Ostra"* li jixxandar fuq stazzjon televiżiv Malti fejn dawn għamlu aċċenn għall-ġibjun il-miftuħ. Hawn intqal illi xi ħadd tefa' l-papri fih u verament dan tħammeġ ħafna. Minn naħa tiegħu il-KLM se jipprova jnaddaf dan minkejja in-nuqqas ta' tagħmir li għandna.

20. Kienet approvata l-*purchase request form* numru 432 u kopja tal-lista tal-korrispondenza kienet mibgħuta permezz tal-*e-mail* lill-kunsillieri filwaqt li din l-istess korrispondenza kienet għad-dispożizzjoni tal-kunsillieri fuq il-mejda tal-kamra.

21. Il-laqgħa ntemmet fid-9 :00pm filwaqt li l-kunsill se jiltaqa' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu 2012 fis-6:00pm fejn hu ttamat li jinfetħu l-offerti tal-latrina pubblika, dik tal-bini ta' sit elettroniku biex jippromwovi l-proġett tal-Mentna, kif ukoll il-kwotazzjoni tal-assikurazzjoni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27/ 03/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |